



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

24.2.2014

B7-0202/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea /
Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-użu ta' drones armati
(2014/2567(RSP))

**Barbara Lochbihler, Tarja Cronberg, Jean Lambert, Rui Tavares,
Reinhard Bütikofer, Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Nicole Kiil-
Nielsen, Raül Romeva i Rueda, Iñaki Irazabalbeitia Fernández**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

RE\1020886MT.doc

PE529.561v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-użu ta' drones armati
(2014/2567(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapporti dwar l-użu ta' drones armati tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji tat-28 ta' Mejju 2010 u tat-13 ta' Settembru 2013 u tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu tat-18 ta' Settembru 2013,
- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU, Christof Heyns, dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji tat-13 ta' Settembru 2013,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-13 ta' Awwissu 2013 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, dwar l-użu ta' drones armati,
- wara li kkunsidra s-smiġh tal-25 ta' April 2013 dwar l-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem mill-użu ta' drones, organizzat b'mod konġunt mis-Sottokomitat tal-Parlament għad-Drittijiet tal-Bniedem flimkien mas-Sottokomitat tiegħu għas-Sigurtà u d-Difiża,
- wara li kkunsidra l-istudju tiegħu tat-3 ta' Mejju 2013 dwar "L-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem mill-użu ta' drones u robots awtonomi fil-gwerer",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 dwar tnejniet għal programm tal-ġenerazzjoni li jmiss rigward sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS) Ewropej ta' Altitudni Medja u Awtonomija fit-Tul fil-perjodu 2020-2025,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi d-dipendenza mill-użu ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru misjuqa mill-bogħod (minn hawn 'il quddiem "drones") f'operazzjonijiet extraterritorjali letali żdiedet b'mod qawwi matul l-aħħar deċennju; billi l-pajjiżi li fihom ġew iddokumentati attakki bid-drones jinkludu l-Afganistan, il-Pakistan, il-Jemen, il-Libja, l-Iraq, is-Somalja u l-Palestina (Gaza); billi huwa rrapportat li l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Iżrael u t-Turkija wettqu attakki bid-drones; billi l-għadd ta' stati bil-kapaċità li jużaw id-drones x'aktarx li jżdied b'mod sinifikanti fil-futur qrib;
 - B. billi l-attakki bid-drones imsemmija hawn fuq, fil-biċċa l-kbira tagħhom saru b'mod mhux trasparenti u mhux responsabbli;
 - C. billi ġie rrapportat li eluf ta' ċivili nqatlu jew indarbu serjament b'attakki bid-drones; billi huwa diffiċli li wieħed jistma dawn iċ-ċifri, minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u l-ostakli għal investigazzjoni effettiva;

- D. billi ġie rrapportat li installazzjonijiet ta' appoġġ f'bażijiet tal-Istati Uniti fl-Istati Membri, pereżempju fil-Ġermanja, kienu strumentali għal ċerti operazzjonijiet ta' qtil immirat li fihom inqatlu xi persuni;
 - E. billi ġie ddokumentat li l-politiki tal-attakki bid-drones jikkawżaw dannu konsiderevoli fil-ħajja ta' kuljum ta' ċivili ordinarji fil-pajjiżi kkonċernati, inkluż ansjetà profonda u trauma psikoloġika, tfixkil tal-attivitajiet ekonomiċi u soċjali, u aċċess imnaqqas għall-edukazzjoni fost il-komunitajiet milquta;
 - F. billi l-Artikolu 51(2) tal-Protokoll Addizzjonali I għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, jiddikjara li "atti jew theddid ta' vjolenza li l-għan ewlieni tagħhom ikun li jxerred it-terror fost il-popolazzjoni ċivili huma projbiti";
 - G. billi l-proliferazzjoni tat-teknoloġija ta' drones armati, flimkien man-natura dejjem iktar assimetrika ta' kunflitti moderni, qed toħloq sfidi mingħajr preċedent skont id-dritt internazzjonali; billi l-esperti ewlenin tan-NU ddenunzjaw nuqqas ta' responsabbiltà u trasparenza;
 - H. billi d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jipprojbixxi l-qtil arbitrarju, anke f'sitwazzjoni ta' kunflitt armat; billi d-dritt umanitarju internazzjonali ma jippermettix il-qtil immirat ta' persuni li jinsabu fi stati nonbelligenti;
 - I. billi f'kunflitt armat, meta ċivili jinqatlu permezz ta' attacchi bid-drones, l-istati huma obbligati li jwettqu inkjesta għal għbir ta' informazzjoni immedjata, indipendenti u imparzjali u jipprovdu spjegazzjoni pubblika dettaljata u aċċess għal rimedju;
 - J. billi l-attakki bid-drones minn stat fit-territorju ta' stat ieħor mingħajr il-kunsens ta' dan tal-aħħar jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali u tal-integrità u s-sovranità territorjali ta' dak il-pajjiż, u potenzjalment att ta' aggressjoni, skont il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja;
1. Jesprimi t-ħassib serju tiegħu fir-rigward tat-theddida lill-paċi u s-sigurtà globali mill-użu ta' drones armati barra l-qafas legali internazzjonali; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa rispons proporzjonat ta' politika kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak globali li jħares id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;
 2. Jiddenunzja b'mod qawwi t-terroriżmu u jemmen li għandu jiġi indirizzat fil-limiti tal-istat tad-dritt; jirrimarka li m'hemm l-ebda kunflitt armat internazzjonali bejn l-Istati Uniti u Al-Qaeda u entitajiet assoċjati skont ir-regoli stipulati mill-Karta tan-NU, u jiddenunzja l-prattiki li għaddejjin bħalissa ta' qtil immirat barra minn kunflitt armat bħala ksur tad-dritt internazzjonali, li joħloq preċedent perikoluż li Stati oħra jistgħu jfittxu li jisfruttaw fil-ġejjieni biex jaħarbu mir-responsabbiltà ta' qtil illegali;
 3. Jitlob lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw li, fejn hemm bażijiet raġonevoli biex jassumu li individwu jew entità fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni tagħhom jistgħu jkunu relatati ma' qtil immirat illegali barra l-pajjiż, jieħdu miżuri skont l-obbligi legali internazzjonali u interni tagħhom biex jinvestigaw u jressqu lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja;

4. Jitlob lill-Istati kollha fil-pussess ta' teknoloġija ta' drones armati biex: (i) jiżvelaw pubblikament il-bażi legali għall-użu ta' drones, jispeċifikaw ir-responsabbiltà operattiva u jipprovdu informazzjoni dwar il-vittmi tal-attakki bid-drones, b'mod partikolari n-nies ċivili; (ii) jiżguraw li jwettqu investigazzjonijiet minnufih, bir-reqqa, indipendenti u imparzjali dwar il-każijiet kollha li fihom hemm bażijiet raġonevoli għalxiex wieħed jemmen li attakki bid-drones irriżultaw fi qtil illegali; (iii) jiżguraw li l-kriterji jinkludu investigazzjonijiet imparzjali ta' allegat ksur tad-dritt internazzjonali u nazzjonali, assistenza għal vittmi ċivili u kumpens u rimedju ieħor għall-familji tal-vittmi ċivili; (iv) li jipprevedu rieżami ġudizzjarju tal-attakki bid-drones u li jiżguraw li l-vittmi ta' attakki illegali bid-drones ikollhom aċċess effettiv għal rimedji;
5. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri u lill-Kunsill sabiex:
 - a) jopponu u jipprojbixxu l-prassi ta' qtil immirat extraġudizzjarju;
 - b) jiżguraw li l-Istati Membri, f'konformità mal-obbligi legali tagħhom, ma jwettqux qtil immirat illegali jew jiffaċilitaw qtil bħal dan min-naħa ta' stati oħra;
 - c) jinkludu drones armati f'diżarm internazzjonali u Ewropew rilevanti u reġimi ta' kontroll tal-armi;
 - d) jaħdmu favur projbizzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp għall-akkwist u l-esportazzjoni ta' sistemi ta' armi kompletament awtomatiċi possibbli fil-ġejjieni li jippermettu attakki li jsiru mingħajr intervent uman;
 - e) jadottaw pożizzjoni komuni tal-UE dwar drones armati;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill, lill-Parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni.